MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 347/2014

**A B**

**u**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew:

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erba’ (4) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, N D, li twieled fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003);

Illi fuq kuntratt ta’ separazzjoni datat 26 ta’ Ottubru 2010, fl-atti tan-Nutar Dottor Mariella Mizzi, il-partijiet kienu qablu li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata f’idejn l-omm u cioe’ A B filwaqt li l-missier kien obbliga ruhu li jhallas manteniment versu l-imsemmi minuri, filwaqt li bejn il-partijeit ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn parti lill-ohra;

Illi l-manteniment dovut lill-omm, ossia A B, ghall-htigijiet tal-minuri qed jithallas u ma hemm l-ebda prospett li dan ma jithallasx;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Mariella Mizzi datat 26 ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal izjed minn erba’ snin u ghexu mhux flimkien ghall-perjodu ta’ mill-anqas erba’ snin matul l-ahhar hames snin u llum kull parti tghix hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi dawn il-fatti, hawn fuq imsemmija, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu sabiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Settembru, 2014;

Rat in-nota bl-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-26 ta' Ottubru 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------